

Brussell, 4 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7007/26

DELECT 44
PECHE 78

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 1313 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'4.3.2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġestjoni tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 1313 final.

Mehmuż: C(2026) 1313 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.3.2026
C(2026) 1313 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'4.3.2026

**li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-ġestjoni tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-għan tar-Regolament Delegat huwa li jemenda u jaġġorna r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ sabiex jiġu implimentati l-bidliet deskritti fir-Rakkomandazzjoni 25-04 tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT, International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas) biex jiġi stabbilit pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran², adottata fid-29 laqgħa tal-ICCAT f'Novembru 2025.

Ir-Regolament (UE) 2023/2053 ġie emendat l-aktar reċenti bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/837 tas-7 ta' Frar 2025³.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 67(4) tar-Regolament 2023/2053, il-Kummissjoni kkonsultat il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura dwar l-abbozz tar-Regolament.

F'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁴, ir-Regolament Delegat ġie ppreżentat lill-koleġiżlaturi (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) għall-konsultazzjoni fil-livell tal-esperti.

3. ELEMENTI LEGLAI TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 billi:

- iżid minn 5 % għal 20 % l-ammont tal-kwota annwali tat-tonn mhux użata li tista' tiġi trasferita minn sena għall-oħra;
- jantiċipa b'ġimgħa il-bidu tal-istaġun tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża fil-Mediterran u jstabbilixxi t-tul tal-istaġun tas-sajd bit-tartaruni tal-borża għal skopijiet ta' trobbija fl-ilmijiet tal-Baħar tal-Kantabrija u l-Gżejjer Kanarji, dawn tal-aħħar fil-qafas ta' proġett pilota approvat mill-ICCAT;
- inaqqas il-perjodu li fih il-bidliet fit-tip ta' bastiment tas-sajd, minbarra l-bastimenti tal-qbid, iridu jiġu kkomunikati lill-ICCAT;
- jemenda l-Anness IX tar-Regolament (UE) 2023/2053, billi jżid tabella bl-informazzjoni li trid tiġi pprovduta dwar l-azzjonijiet meħuda b'reazzjoni għas-

¹ Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jstabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2053/oj>.

² Ir-Rakkomandazzjoni 25-04 tal-ICCAT li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni 24-05 biex jiġi stabbilit pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, <https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2025-04-e.pdf>.

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/837 tas-7 ta' Frar 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġestjoni tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (ĠU L, 2025/837, 2.5.2025), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/837/oj.

⁴ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

sejbiet tal-ispezzjonijiet imwettqa taħt l-Iskema ta' Spezzjoni Internazzjonali Konġunta;

- jaġġorna l-istandards minimi għall-proċeduri tar-reġistrazzjoni bil-vidjokamera fl-Anness X tar-Regolament (UE) 2023/2053;
- jissostitwixxi, il-kelma “jivvalida” b’ “jivverifika u, meta xieraq, jiffirma” fir-rigward tal-kompiti tal-osservatur fl-Annessi.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'4.3.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġestjoni tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 66, il-paragrafu 1, il-punti (a) sa (c) u (k) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija parti għall-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT, International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas), wara li approvat il-Konvenzjoni tal-ICCAT skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE⁶.
- (2) L-ICCAT tadotta l-miżuri biex tiżgura l-konservazzjoni fuq terminu twil u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT u biex tissalvagwardja l-ekosistemi tal-baħar li dawn ir-riżorsi jinsabu fihom. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-Unjoni.
- (3) Mill-emenda l-aktar reċenti tar-Regolament (UE) 2023/2053⁷, fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 25-04 fir-rigward tal-ġestjoni tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran⁸. Ir-Rakkomandazzjoni 25-04 tal-ICCAT tinkludi dispożizzjonijiet dwar reviżjoni tal-ammont tal-kwota tat-tonn mhux użata li tista' tiġi trasferita minn sena għall-oħra, l-istaġun tas-sajd bit-tartaruni tal-borża u l-proċeduri għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni f'każ ta' ksur fil-qafas tal-

⁵ Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2053/oj>).

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jiffirmaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33), <http://data.europa.eu/eli/dec/1986/238/oj>.

⁷ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/837 tas-7 ta' Frar 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġestjoni tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (ĠU L, 2025/837, 2.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/837/oj).

⁸ Ir-Rakkomandazzjoni 25-04 tal-ICCAT li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni 24-05 li tistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, <https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2025-04-e.pdf>.

Iskema ta' Spezzjoni Konġunta. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

- (4) Barra minn hekk, jeħtieġ li jsiru għadd ta' emendi tar-Regolament (UE) 2023/2053 biex jiġu aggnati l-istandards minimi kollha għall-proċeduri tar-reġistrazzjoni bil-vidjokamera fl-Anness X.
- (5) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2023/2053 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

2. Stat Membru jista' jitlob li jittrasferixxi perċentwal massimu ta' 20 % tal-kwota annwali tiegħu minn sena għas-sena ta' wara. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinkludi dik it-talba fil-pjanijiet annwali tiegħu dwar is-sajd u dwar il-ġestjoni tal-kapaċità li jridu jiġu inklużi fil-pjan tal-Unjoni dwar is-sajd u l-ġestjoni tal-kapaċità għall-approvazzjoni mill-ICCAT."

- (2) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Is-sajd għat-tonn bit-tartaruni tal-borża għandu jkun permess fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran matul il-perjodu mid-19 ta' Mejju sal-1 ta' Lulju ta' kull sena."

- (b) il-paragrafu 4a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4a. B'deroga mill-paragrafu 1, l-istaġun tas-sajd bit-tartaruni tal-borża fil-Baħar tal-Kantabrija (iż-żoni tas-sajd tal-ICES 27.8.b u 27.8.c) għal skopijiet ta' trobbija għandu jkun mis-26 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu."

- (c) jiddaħħal il-paragrafu 4b li ġej:

"4b. B'deroga mill-paragrafu 1, fil-pjan annwali tas-sajd tagħha għall-2026, kif imsemmi fl-Artikolu 11, Spanja tista' titlob li l-bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża involuti fil-proġett pilota għat-trobbija tat-tonn fil-Gżejjer Kanarji jitħallew jistadu għat-tonn mil-15 ta' Marzu sat-30 ta' Mejju fiż-żona tal-FAO 34."

- (3) Fl-Artikolu 26, il-paragrafu 1, is-subparagrafu li ġej jiżdied wara l-punt (b) tal-ewwel subparagrafu:

"Il-perjodu għas-sottomissjoni tal-listi tal-bastimenti jista' jkun inqas minn xahar għal-lista tal-bastimenti fil-punt (b) fejn is-sottomissjoni tkun dovuta għal bidliet fil-modalità."

- (4) l-Annessi VIII, IX, X, XII u XVb huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4.3.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN